MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006

Numru. 620/2004

**(Spettur Trevor Sammut)**

**versus**

**Mario Aquilina**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mario Aquilina ta’ 49 sena bin Carmel u Judith nee Farrugia, imwieled Pieta’ nhar l-14 ta’ Lulju, 1955, li joqgħod 120 Triq Dr.Nicholas Zammit, Siġġiewi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ umru 562855 (M)

2. Akkużat talli nhar l-10 ta’ Ġunju 2004 għall-ħabta tad-9.30 a.m. volontarjament għamel ħsara jew għaraq ħwejjeġ ħadd ieħor u cioe’ ikkawża ħsar billi rifes bil-karozza tiegħu t-tarmac frisk għad-dannu ta’ Carmel Penza 9ID 9855)(M), liema ħsara tammonta għall-valur ta’

Lm604.00 u dan bi ksur ta’ l-artikolu 325(1)(a0 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b’għajjat., storbju u / jew ġlied.

4. Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji kif ukoll il-kunsens ta’ l-imputat għall-istess għan, liema kunsens l-imputat kkonferma wara li ngħata ħin raġonevoli biex jaħsibha sew

5. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

6. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli Prosekutur u ta’ l-abbli difensur

Ikkunsidrat

**Xhieda Prosekuzzjoni**

7. Li fl-10 ta’ Ġunju 2004 għall-ħabta tad-9.30 a.m. l-imputat kien tiela’ t-telgħa t’Alla u Ommu fejn kien qed isir t-tarmac minn Carmel Penza. Ħdejn ir-roundabout kien magħluq totalment waqt li ‘l isfel nett, lejn in-naħa tas-Salina, kien hemm barrier tal-konkos biex ma jitħallewx in-nies jitilgħu. Skond ix-xhud Carmel Penza, l-imputat tela’ l-bankina u baqa’ tiela’ fuq it-tarmac. B’hekk saret ħsara lit-tarmac li kienet tammonta għal Lm604 skond dok TRS 2 a fol.14. Carmel Penza għamel rapport lill-Pulizija u t-tarmac kellu jaqilgħu. Fil-kontro-eżami Carmel Penza stqarr li t-tarmac kien qed jingħata mir-roundabout ‘il fuq. L-imputat kien qabeż kemm il-blokki tal-konkos u l-bowser u tela’ l-bankina biex qabiżhom. L-istess xhud qal li kien ra karozzi oħrajn deħlin barra dawk ta’ l-imputat. Huwa ċaħad li kienu daħlu vetturi oħrajn qabel ma daħal l-imputat. Ix-xhud qabel ma’ l-avukat tad-difiża li kien hemm parti ħdejn ir-roundabout li ma kienx fiha tarmac.

**L-Istqarrija ta’ l-imputat**

8. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li huwa kien uża l-inside lane li kienet mingħajr tarmac frisk. Dan kien jidher li kien tarmac antic. Huwa kien obda l-vleġġa u sab ruħu, bħalma kienet sabet ruħha l-karozza ta' qabel kif ukoll dik ta' warajh, fqu ir-roundabout li kienu qed jagħtuha t-tarmac. Meta wasal hemm ra raġel iwaddab ġebel u bċejjeċ tal-ħamrija fid-direzzjoni tiegħu. Erab' min-nies resqu lejh u wieħed minnhom kellu pala f'idu (fol.13). L-istess raġel li kien waddab l-affarijiet qabad blata żgħira, kemm kemm ikbar mill-pala t'idu, u ħa ġirja lejn il-karozza tieħgu, ta qabża fl-arja u ta daqqa lill-karozza ta' l-imputat. Dan beda jidgħi u pprova jiftaħ il-bieba tal-karozza beix jattakkah. L-imputat ipprova jsaqsi x'kien ġara u mbagħad irreversja. L-imputat qal ukoll li ma kienx hemm tabelli li juru li kienu qed isiru xi xogħolijiet. Kien jidhru t-trakkijiet u kien hemm il-vleġġa impinġija fuq il-blokka tal-konkos.

9. PS 977 Joe Zammit xehed li l-imputat kien qallu li kien tiela' t-telgħa t'Alla u Ommu u mar skond kif indikat il-vleġġa u mexa wara karozzi oħrajn. Twaddbet ġebla fuq il-karozza ta' l-imputat u d-daqqa seta' jaraha dan ix-xhud stess. Meta dan ix-xhud mar fuq il-post ma rax tarmac mirfus għax, skond ma qallu Carmel Penza, dan kienu leħqu rranġawh.

10. Osterius Aquilina, ħu l-imputat, kien riekeb fl-istes karozza dak in-nhar ta' l-inċident. Huwa xehed li huma kienu mxew mal-vleġeġ. Kif ġew biex iduru mar-roundabout semgħu xi għajjat u raw raġel b'ġebla daqsxejn imdaqqsa f'idu. Warajh kien hemm tliet ħaddiema oħra u wieħed minnhom kellu pala f'idu. Fejn kienu bil-karozza kienu għadhom lanqas biss qabdu t-tar – dak il-bending agent tat-tarmac. Fil-fatt kien għadu jidher it-tarmac l-antik. Kienu għaddew karozzi oħra qabilhom.

Peress li dan ix-xhud huwa tal-mestjier (fil-fatt huwa technical officer mal-Gvern), huwa seta' jixhed li lanqas biss kien hemm il-base course (ara wkoll fol.38 l-aħħar paragrafu). Hu u ħuh (l-imputat) kienu għamlu bħalma

għamlu kaorzzi oħra u mxew mas-sinjali. Dawn is-sinjali kienu jordnaw lis-sewwieq biex imur fuq in-naħa tal-lemin inti u tiela'. Dan is-sinjal kien jitfgħek fit-triq id-dritta ta' qabel ir-roundabout. Skond dan ix-xhud il-bowser ma kienx qed jimblokka t-triq bħalma kienu qed jagħmlu s-sinjali ta' fuq il-konkos.Oltre dan kienu għadde ħafna karozzi qabilhom bla ma kellimhom ħadd. Dawn kienu għaddejjin minn qrib il-ħaddiema waqt li oħrajn li kienu wara l-imputat u ħuh kienu qabdu l-istess triq ta' l-imputat. Dawn irriversjaw meta raw li xi ħaddiema kienu ġejjin jiġru lejn l-imputat u ħuh.

11. Xehed ukoll Alfred Cutajar u qal li t-triq kienet magħluqa u li kienet daħlet karozza fuq it-tarmac. Ma ftakarx x'kienet il-karozza u ma rax ġlied jew tfigħ ta' ġebel. Huwa qal li kellhom jaqilgħu t-tarmac minn fejn kienet għaddiet il-karozza u kellhom jagħmluh mill-ġdid u dan ix-xogħol dam sejjer sew. Dan ix-xhud ma kienx ċert jekk meta ġew il-Pulizija l-karozza kenitx imwaħħla jew le.

12. PC 434 Peter Sammut xehed li meta kien fuq il-post is-sitwazzjoni kienet kwieta. L-imputat kien tela' bil-karozza tiegħu fl-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar u hu ma kienx iċċekkja jekk kienx hemm xi tarmac maqlugħ. Waqt li kien hemm dan ix-xhud traffiku m'għaddiex. Huwa ra daqqa fuq il-bieba ta' l-imputat li kienet indikatu lilu mill-imputat stess.

**Xhieda difiża.**

13. Fit-13 t'Ottubru 2005 xehed l-imputat stess u spjega kif dak in-nhar huwa kien tiela' min-naħa tas-Salina għat-telgħa t'Alla u Ommu. Ikkonferma li kien hemm vleġġa li kienet tindikalek li għandek tmur fuq in-naħa tal-lemin. X'ħin kiser lejn il-lemin ġie biex jidħol ġo l-għelieqi u ra l-karozzi kemm qablu kif ukoll warajh. Kif wasal ħdejn ir-roundabout wrong side, kiser fuq ix-xellug skond ma tgħidlek il-Highway Code u dak il-ħin beda ġej il-ġebel u t-tajn magħqud. Dan twaddab fid-direzzjoni tal-karozza tiegħu. Huwa għaraf lil Carmel Penza u tliet ħaddiema

minn tiegħu. Penza personalment ġera lejn il-karozza minn fuq ir-roundabout, qabeż fl-arja u biż-żarbun għamel marka kbira fuq il-karozza. Huwa ċaħad li qatt għaffeġ xi tarmac. Dak in-nhar stess kien talab lill-Pulizija biex jiċċekkjawlu t-tyres għal xi traċċi ta' tarmac kemm taħt l-arch wheel u kemm mat-tyres. Għall-ħsarat li sofra fil-karozza kien hemm proċeduri kriminali kontra Penza. Penza ħallas l-ispejjeż tal-karozza. L-imputat kien rebaħ ukoll kawża għad-danni quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iż-żgħar. Barra dan Penza kien għamel kawża għad-danni kontra l-imputat u Penza tilifha. (Ara dokumenti GG1 u GG2)

14. Id-difiża ppreżentat ukoll kopji tas-sentenzi mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet Mario Aquilina versus Carmel Penza (deċiża 11 ta' Marzu 2005 mill-ġudikatur Dr Joseph Refalo) u Penza Tarmac Limited (C22138) versus Mario Aquilina (deċiża fil-11 ta' Marzu 2005 mill-ġudikatur Dr.Joseph Refalo).F'din ta' l-aħħar Penza Tarmac Limited kienet ikkundannata tħalals Lm75 għaliex it-talba tas-soċjeta' attriċi keient waħda frivola u vessatorja.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

15. Fil-fehma tal-Qorti jidher li s-sinjali maġħmulin waqt l-għoti tat-tarmak fit-Triq tat-Telgħa t'Alla u Ommu ma kinux ċari biżżejjed għas-sewwieqa. F'ħin minnhom is-sur Penza jgħid li n-nies ta' l-irziezet setgħu jgħaddu bil-karozzi tagħhom iżda mbagħad mix-xiehda mogħtija mkien ma jirriżulta li l-passaġġ bil-vetturi kien miftuħ għalihom biss. Jidher ukoll li kienu għaddew diversi karozzi qabel ma għadda l-imputat, kif xehdu Carmel Penza, l-imputat, u ħu l-imputat waqt li l-imputat kien segwa l-vleġeġ skrupliżament minkejja li kien jaf li dawn qed jitfgħuh wrong side.

16. L-imputat, a tempo vergine, fl-istqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija, kien qal li hu kien għadda mill-parti minn fejn ma kienx hemm tarmac u barra dan kien talab lill-Pulizija biex jiċċekkjaw jekk it-tyres u l-arch wheel kellhomx xi traċċi ta' tarmac. Ħadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma semma li sar dan it-test mitlub speċifikatament mill-imputat. Ukoll jekk kien leħaq saq sa l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar, tarmac li jkun għadu kemm intrifes, ma jaqax kollu kemm hu f'distanza ta' anqas minn kilometru u nofs.

17. Oltre dan, mix-xiehda ta' ħu l-imputat li hu bniedem tekniku fl-istess mestjier, joħroġ ċar li lanqas biss kien ingħata l-base tat-tarmac, aħseb u ara kemm kien hemm tarmac fuq il-post li seta' jintrifes mill-imputat.

18. Il-Qorti tinnota wkoll li l-ewwel imputazzjoni tgħid li l-rifis tat-tarmac sar għad-dannu ta' Carmel Penza (ID 9855)(M). Iżda meta saret it-talba fit-Tribunal għat-Talbiet iż-Żgħar, l-attur kienet is-soċjeta' Penza Tarmac Limited (C22138). Is-Sur Carmel Penza u s-Soċjeta' Penza Tarmac Limited mhumiex l-istess persuna u għalhekk, jekk l-allaegat dannu sofrietu s-soċjeta' Penza Tarmac Limited, fl-imputazzjoni ma kellux jidher Carmel Penza bħala l-persuna danneġġjata.

19. Għaldaqstant, il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx (a) li l-imputat kien rifes xi tarmac; (b) li wkoll, jekk għamel dan, ma ppruvatx li kien hemm il-mens rea la ta' volontarjeta' u lanqas ta' traskuraġni għaliex l-imputat mexa mas-sinjali u għalhekk la jista' jkun hemm reat taħt l-artikolu 325 u lanqas taħt l-artikolu 328 tal-Kap 9;

u (ċ) li ma sar ebda dannu lil Carmel Penza mill-imputat u dan għar-raġunijiet esposti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu kif ukoll għaliex Carmel Penza u Carmel Penza Limited mhumiex l-istess persuna għax wieħed huwa l-persuna naturali u l-oħra hija persuna morali u fl-imputazzjoni hija msemmija l-persuna naturali waqt li mit-talba ntavolata mis-soċjeta' attriċi fit-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar jidher li kienet l-enti morali li sofriet l-allegati danni u mhux il-persuna naturali.

20. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

21. Dwar it-tieni imputazzjoni ma nġiebet ebda prova kontra l-imputat u għalhakk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni wkoll.

22. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325 (1)(a) u 338 (dd) tal-kap 9, qed tiddikjara li l-imputat la hu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u lanqas tat-tieni waħda u għalhekk qed tilliberah miż-żewġ imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------